*l-applikazzjoni tal-artikolu 47 tal-Kap. 440 hija waħda tassattiva, għaliex il-liġi tgħid bl-aktar mod ċar li kull ipproċessar ta' data personali sensittiva li jsir bi ksur tal-artikolu 12 tal-Kap. 440, għandu jiġi pproċessat skont l-artikolu 47 tal-istess Att u taħt l-ebda artikolu ieħor tal-liġi – il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li fil-każ odjern il-Kummissarju ma kellux il-libertà li jwissi jew jammonixxi lill-kontrollur minflok ma jimponi multa u/jew ħabs, huma korretti*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 30/2023 LM

**Jan Sammut**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*** *('l-appellat')*
**[u] b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2018, HSBC (Malta) plc** *('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà **HSBC (Malta) plc**, [hawnhekk 'is-soċjetà appellanta'], minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-

Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-2 ta' Marzu, 2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li bħala fatt jirriżulta li HSBC (Malta) plc għadda informazzjoni sensittiva *ai termini* tal-artikolu 12 tal-Kap. 440, u li *ai termini* tal-artikolu 47(1)(b) tal-Kap. 440 li jittratta *processes personal data in contravention of the provisions of articles 12 to 17*, il-piena hija ta' multa li ma teċċedix is-somma ta' Euro 23,293.73ċ jew ħabs għal sitt xhur jew it-tnejn ċioe multa u ħabs, u għalhekk il-Kummissarju ma setax jimponi sanzjoni ta' ammonizzjoni għaliex il-Kap. 440 ma jagħtihx poter li jagħmel dan. It-Tribunal għalhekk laqa' l-ewwel żewġ talbiet tal-appellant u ċaħad il-kumplament, filwaqt li annulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-18 ta' Ġunju, 2021 u rrinvija l-atti kollha lill-Kummissarju sabiex jimponi sanzjoni kontra l-bank HSBC Bank Malta plc skont il-liġi.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent Jan Sammut [hawnhekk 'l-appellat Sammut'] ressaq ilment quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* fl-1 ta' Lulju, 2016, fejn allega li s-soċjetà intimata HSBC (Malta) plc [hawnhekk 'il-bank appellant'] kienet għaddiet informazzjoni personali dwaru lill-Malta Union of Bank Employees (MUBE). Fil-fehma tar-rikorrent l-informazzjoni mgħoddija kellha tiġi kklassifikata bħala '*data* sensittiva' li kienet teħtieġ il-kunsens tiegħu biex tingħata, u dan wara li huwa kien ġie sospiż mill-impjieg li kellu ma' HSBC (Malta) plc. Min-naħa tiegħu l-bank kien ċaħad li għadda d-dettalji personali tar-rikorrent lill-MUBE, b'informazzjoni dwar il-fatt li membru tal-istess union kien sospiż skont il-proċeduri dixxiplinarji tal-bank. Inizjalment, il-Kummissarju kien

ta deċiżjoni li l-bank ma kien wettaq l-ebda vjolazzjoni tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda r-rikorrent kien appella minn din id-deċiżjoni. It-Tribunal ddeċieda li l-informazzjoni mogħtija minn HSBC (Malta) plc setgħet tiġi kklassifikata bħala informazzjoni sensittiva *ai termini* tal-artikolu 12 tal-Kap. 440, u dan għaliex il-bank kien informa lill-MUBE li r-rikorrent kien sospiż mill-impjieg, u din l-informazzjoni ngħatat mingħajr il-kunsens ta' Sammut. L-HSBC (Malta) plc kien ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, u għalhekk interpona appell minnha. Din il-Qorti, bid-deċiżjoni tagħha tad-19 ta' Mejju, 2021, ċaħdet l-appell tal-bank u għalhekk bagħtet l-atti lura quddiem il-Kummissarju sabiex dan jagħti l-piena. Il-piena li ġiet mogħtija mill-Kummissarju kienet tikkonsisti f'ammonizzjoni. Ir-rikorrent appella għal darba oħra quddiem it-Tribunal, fejn sostna li ladarba kien hemm ksur tal-artikolu 12 tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju ma setax jagħti biss ammonizzjoni, iżda kellu jimponi piena. Permezz tal-appell tiegħu, ir-rikorrent talab lit-Tribunal sabiex jordna l-prosekuzzjoni tal-kontrollur *ai termini* tal-artikoli 47 u 41B tal-Kap. 440, u/jew alternattivament jimponi sanzjoni li tkun verament effettiva, proporzjonata u li tiddiswadi speċjalment meta wieħed jikkonsidra l-kobor tal-bank, u l-profitti annwali ġġenerati minnu.

3. Min-naħa tiegħu HSBC (Malta) plc wieġeb li huwa l-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* li għandu l-poteri korrettivi fir-rigward ta' ksur ta' xi wieħed mill-provvedimenti tal-Kap. 440, u għalhekk tibqa' diskrezzjoni tal-Kummissarju liema azzjoni għandha tittieħed fil-konfront tal-kontrollur f'każ li l-Qorti tiddeċiedi li tibgħat il-każ lura quddiem il-Kummissarju wara li tkun annullat id-deċiżjoni tiegħu. HSBC (Malta) plc spjega li t-Tribunal m'għandu l-ebda poter jordna liema azzjoni korrettiva għandha tittieħed mill-

Kummissarju fir-rigward ta' ksur tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda jista' biss jew jikkonferma jew jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' Marzu, 2023, it-Tribunal iddeċieda li jilqa' l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrent, u ċaħad il-kumplament, filwaqt li annulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-18 ta' Ġunju, 2021, u rrinvija l-atti lura lill-Kummissarju sabiex dan jimponi sanzjoni kontra HSBC (Malta) plc skont il-liġi, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"It-Tribunal*

*Ra l-verbal tas-seduta 19 ta' Jannar, 2023 li permezz tiegħu l-bank appellat irtira l-aggravju tiegħu dwar li l-appell tal-appellanti ġie ppreżentat* fuori termine*.*

*Dan it-Tribunal jirrileva li f'dawn l-atti diġà ġie stabbilit li dan huwa l-Kap. 440 li japplika għal dan il-każ u mhux il-Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta li ssostitwieh stante li l-artikolu 34(2) tal-Kap. 586 jagħmilha ċara li l-Kap. 440 għandu jibqa' fis-seħħ għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-riwgard ta' xi ksur tal-Att imħassar li ġraw jew inbdew qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.*

*Il-każ beda fl-1 ta' Lulju, 2016 meta l-Kap. 585 kien għadu ma ġiex fis-seħħ.*

*Dwar il-mertu*

*Illi fid-19 ta' Mejju, 2021 il-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet Jan Sammut vs il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data b'digriet tal-31 ta' Mejju HSBC (Malta) plc billi kkonfermat id-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal tat-12 ta' Frar, 2019 u ordnat li l-atti jerġgħu jintbagħtu lura quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data għal deċiżjoni mill-ġdid li tieħu konjizzjoni tar-riżultati tat-Tribunal u ta' din il-Qorti.*

*Illi mis-sentenza ta' dan it-Tribunal kif konfermata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell sede inf hawn fuq imsemmija, ġie stabbilit li l-informazzjoni mgħoddija mill-Bank hija informazzjoni sensittiva ai termini tal-Artikolu 12.*

*Illi fid-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju, 2021 il-Kummissarju ammonixxa lill-Bank ai termini tal-artikolu 40(i) tal-Kap. 440.*

*Illi Jan Sammut ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u fl-appell tiegħu huwa jikkontendi li tali 'ammonizzjoni' mhux dak li jikkontempla l-artikolu 41B u 47 tal-Kap. 440 jew alternattivament jimponi sanzjoni li tkun verament* "effective, proportionate and dissuasive". *Sammut jargumenta li meta l-Kummissarju ammonixxa lill-Bank huwa kien qed jagħti piena li hija anqas mill-minimu stabbilit fil-Kap. 440 fil-każ ta' tixrid ta' data sensittiva. Dan il-minimu skont hu huwa multa ta' Ewro 2,500 minimu sa Ewro 23,300 massimu.*

*Il-Kummissarju jikkontendi li dan it-Tribunal ma għandu ebda poter li jindaħal lill-Kummissarju dwar azzjoni korrettiva li huwa jista' jieħu u jista' biss jikkonferma d-deċiżjoni jew inkella jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju u biex jissostanzja dan il-Kummissarju jikkwota l-artikolu 42(6)(b) tal-Kap. 440 fejn it-Tribunal jista' jikkonferma, jiċħad jew inaqqas l-ammont tal-multa amministrattiva imposta mill-Kummissarju. Lanqas dan it-Tribunal jista' jilqa' t-talba tal-appellanti sabiex alternattivament jimponi sanzjoni li tkun verament* effective, proportionate and dissuasive.

*Il-Bank appellat fir-rikors tal-appell tiegħu, jgħid li l-argument tal-appellanti huwa għal kollox żbaljat stante li ai termini tal-Artikolu 40(i) il-Kummissarju għandu l-poter iwissi jew jammonixxi lill-kontrollur u għalhekk il-Kummissarju mexa* intra vires *meta ammonixxa lil bank appellat. Il-Bank ukoll jirreferi għall-pieni stabbiliti fit-Tielet u l-Ħames Skeda kemm-il darba dan it-Tribunal jidhirlu li l-artikolu 40(i) tal-Kap. 440 ma tapplikax.*

*Ra l-atti kollha esebiti*

*Sema' lill-partijiet jittrattaw l-appell fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2023*

*Ikkonsidra*

*(i) It-talba tal-appellanti sabiex dan it-Tribunal jimponi sanzjoni li tkun verament* "effective, proportionate and dissuasive"

*Li dan it-Tribunal skont l-artikolu 49 tal-Kap. 440 għandu poter biss jiċħad l-appell jew jannulla d-deċiżjoni u jibgħatha lura lill-Kummissarju.*

*Li għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba tal-appellanti sabiex dan it-Tribunal jimponi sanzjoni li tkun verament* "effective, proportionate and dissuasive".

*(ii) Dwar jekk sanzjoni imposta mill-Kummissarju ingħatatx skont il-Kap. 440*

*Li dwar jekk id-deċiżjoni tal-Kummissarju li jagħti ammonizzjoni lill-Bank hix waħda skont dak li jipprovdi l-Kap. 440 dan it-Tribunal jirrileva dan li ġej:*

*Bħala fatt jirriżulta li l-Bank għadda informazzjoni sensittiva ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap. 440.*

*Li ai termini tal-artikolu 47 tal-Kap. 440 ċioe l-artikolu 47(1)(b) li* jittratta processes personal data in contravention of the provisions of articles 12 to 17 ... *il-piena hija ta' multa li ma teċċedix is-somma ta' Ewro 23,293.73ċ jew ħabs għal sitt xhur jew it-tnejn ċioe multa u ħabs.*

*Li għalhekk il-Kummissarju ma jistax jimponi sanzjoni ta' ammonizzjoni stante li l-Kap. 440 ma jagħtihx poter li jagħmel dan u dan ġialadarba l-Bank instab li għadda informazzjoni sensittiva ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jiddeċiedi billi jilqa' l-ewwel żewġ talbiet tal-appellanti u jiċħad il-bqija u jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-18 ta' Ġunju, 2021 u jirrinvija l-atti kollha lill-Kummissarju sabiex jimponi sanzjoni kontra l-HSBC Bank Malta plc skont il-liġi."*

**L-Appell**

5. L-HSBC (Malta) plc ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fl-20 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat, u dan filwaqt li tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni.

6. Is-soċjetà appellanta tibbaża r-rikors tal-appell tagħha fuq żewġ aggravji, jiġifieri, li t-Tribunal kien żbaljat għaliex kien marbut b'minimu ta' multa u/jew priġunerija u ma setax jagħti ammonizzjoni, u l-"minimu" iċċitat mit-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu mhuwiex korrett għaliex japplika f'każ li jkunu ttieħdu proċeduri kriminali.

7. B’riferiment għall-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat Sammut irrefera għall-artikolu 47 tal-Kap. 440 sabiex isostni li kellha tapplika piena ta’ multa u/jew priġunerija. Qal li t-Tribunal qabel ma’ dan, u kkonkluda li l-Kummissarju ma setax jagħti ammonizzjoni, iżda bilfors kellu jimponi multa. Is-soċjetà appellanta qalet li *ai termini* tal-artikolu 40(i) tal-Kap. 440, speċifikament invokat mill-Kummissarju fl-għoti tal-piena minnu, il-Kummissarju għandu l-poter li jwissi jew jammonixxi lill-kontrollur. Qalet li din id-dispożizzjoni tal-Kap. 440 hija waħda *free-standing* jiġifieri tagħti funzjoni, poter jew awtorità lill-Kummissarju li ma hija eskluża jew kontradetta imkien ieħor fl-Att. Is-soċjetà appellanta ssostni li dan ifisser li l-ammonizzjoni kienet *intra vires* il-poteri tal-Kummissarju, li jekk jidhirlu, jagħti ammonizzjoni, mingħajr il-ħtieġa li jkun marbut bilfors li jagħti piena ta’ multa jew priġunerija.

8. B’riferiment għat-tieni aggravju sollevat minnha, is-soċjetà appellanta tgħid li minkejja li t-Tribunal iddeċieda li ma jgħidx lill-Kummissarju kif għandu jiddeċiedi u x’multa għandu jimponi, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu ddeċieda li *ai termini* tal-artikolu 47 tal-Kap. 440, il-piena għal ksur tal-artikoli 12 sa 17 tal-Att hija multa li ma teċċedix is-somma ta’ €23,293.73ċ jew ħabs għal sitt xhur jew it-tnejn, jiġifieri multa u ħabs. L-appellanta qalet li din hija asserzjoni li tirrifletti s-sottomissjonijiet li saru mill-appellat fl-appell tiegħu quddiem it-Tribunal, iżda hija waħda żbaljata. Qalet li l-Kap. 440 jagħmel distinzjoni bejn il-pieni applikabbli, jiġifieri meta l-piena hija imposta mill-Qorti wara sejba ta’ reat kriminali, f’liema każ tapplika t-Tieni Skeda kif abbinata mar-Raba’ Skeda, u meta l-piena hija waħda amministrattiva imposta mill-Kummissarju, f’liema każ tapplika t-Tielet Skeda kif abbinata mal-Ħames Skeda. Qalet li billi f’dan il-każ si tratta ta’ piena imposta mill-Kummissarju, fl-agħar ipoteżi, u jekk din il-Qorti

jidrilha li m'għandhiex tapplika l-artikolu 40(i) tal-Kap. 440, għandhom japplikaw il-pieni stabbiliti fit-Tielet u fil-Ħames Skeda. L-appellanta saħqet li l-kxif ta' *data*, irrispettivament mis-sensittività tagħha, għandu jissarraf f'multa ta' bejn €250 u €2,500, u fl-ebda każ ma hija nvoluta piena karċerarja, u fi kwalunkwe każ hija biss il-Qorti li tista' tinfliġġi piena karċerarja. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi revokata jew almenu riformata sabiex tirrifletti l-minimi korretti kif stabbiliti mil-liġi.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li l-appell tas-soċjetà appellanta huwa wieħed frivolu u vessatorju, u dan għaliex id-deċiżjoni appellata tistrieħ fuq liġi ċara u inekwivoka, jiġifieri fuq l-artikolu 47 tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li *ai termini* ta' dan l-artikolu, fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal kien marbut b'minimu ta' multa u priġunerija, u ma setax jagħti ammonizzjoni kif fil-fatt kien għamel il-Kummissarju. L-appellat spjega li huwa kien ressaq ilment quddiem il-Kummissarju fl-1 ta' Lulju, 2016, fejn allega li l-appellanta kienet għaddiet informazzjoni personali dwaru, u sostna li din l-informazzjoni kellha tiġi kklassifikata bħala waħda "sensittiva". Qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-20 ta' Settembru, 2016 dwar l-ilment tiegħu, u kien interpona appell quddiem it-Tribunal, li ġie deċiż favur tiegħu fit-12 ta' Frar, 2019. Żied jgħid li l-bank ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, u interpona appell minnha, liema appell ġie miċħud b'deċiżjoni ta' din il-Qorti (kif komposta) fid-19 ta' Mejju, 2021. Spjega li din il-Qorti kkonfermat id-deċiżjoni tat-Tribunal fl-intier tagħha, u ordnat li l-atti għandhom jerġgħu jintbagħtu quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* għal deċiżjoni mill-

ġdid dwar il-piena, li tieħu konjizzjoni tar-riżultanzi tat-Tribunal u tal-Qorti. L-appellat qal li sussegwentement huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Kummissarju datata 18 ta' Ġunju, 2021, li ġiet notifikata lilu fl-1 ta' Lulju, 2021. Qal li f'din id-deċiżjoni sar riferiment għad-deċiżjoni tat-Tribunal tat-12 ta' Frar, 2019, li permezz tagħha t-Tribunal laqa' l-appell tal-appellat mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-20 ta' Settembru, 2016, u għas-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Mejju, 2021. L-appellat qal li wara li ħa konjizzjoni tad-deċiżjonijiet fuq imsemmija, il-Kummissarju stabbilixxa li kien hemm skambju ta' informazzjoni jew *data* personali bejn l-HSBC (Malta) plc u l-MUBE, u dan l-iskambju ta' informazzjoni wassal biex ġie identifikat is-suġġett tad-*data* għall-finijiet tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat qal li din l-informazzjoni dwar jekk persuna hijiex imsieħba f'*union* hija klassifikata bħala *data* sensittiva, u għalhekk l-informazzjoni li ngħatat tammonta għal *data* personali sensittiva. Qal li l-ipproċessar jew l-iżvelar tad-*data* personali sensittiva mill-appellant sar mingħajr il-kunsens tiegħu bħala s-suġġett tad-*data,* u għalhekk kien jammonta għal ipproċessar illegali li jikser id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 440. L-appellat qal li kien għalhekk li l-Kummissarju kkonkluda li kien hemm ksur tal-artikolu 12 tal-Kap. 440 u ammonixxa lill-appellanta *ai termini* tal-artikolu 40(i) tal-Kap. 440. Qal li huwa kien ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-18 ta' Ġunju, 2021, u għalhekk interpona appell quddiem it-Tribunal li ġie deċiż fit-2 ta' Marzu, 2023, fejn it-Tribunal laqa' l-appell tal-appellat u rrevoka deċiżjoni tal-Kummissarju fejn l-appellant kien ġie mogħti ammonizzjoni *ai termini* tal-artikolu 40(i) tal-Kap. 440, u rrinvija l-atti kollha lill-Kummissarju sabiex jimponi sanzjoni kontra HSBC (Malta) plc skont il-liġi, li skont il-konsiderazzjonijiet tal-istess Tribunal, għandha tkun multa li ma teċċedix is-somma ta' €23,293.73 jew

ħabs għal sitt xhur, jew it-tnejn. L-appellat qal li l-appellanta ħasset ruħha aggravata b'din id-deċiżjoni, u kien għalhekk li hija interponiet appell minnha.

10. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li dan mhux minnu, għaliex il-Kap. 440 jikklassifika s-serjetà tal-ksur tal-provvedimenti tiegħu, b'dan illi għandu diversi livelli ta' sanzjonijiet amministrattivi li m'għandhomx bżonn smigħ fil-Qorti u sanzjonijiet penali li huma infurzabbli bi prosekuzzjoni fil-Qorti. Qal li filwaqt li b'mod ġenerali, il-Kummissarju għandu diskrezzjoni kbira dwar liema setgħat mogħtija lilu mil-liġi jista' juża, jeżistu ċirkostanzi fejn il-liġi hija tassattiva u d-diskrezzjoni tal-Kummissarju hija ristretta. Qal li eżempju ċar ta' dan hija ċ-ċirkostanza ta' ksur tal-artikolu 12 tal-Kap. 440, u li ladarba huwa paċifiku li l-aġir tal-appellanta jammonta għal ksur tal-artikolu 12 tal-Kap. 440, id-deċiżjoni appellata hija korretta għall-aħħar u l-aggravju tal-appellanta għandu jiġi miċħud.

11. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li dan l-aggravju huwa frivolu għall-aħħar għaliex id-deċiżjoni tat-Tribunal tagħti direzzjoni lill-Kummissarju sabiex jimponi sanzjoni skont il-liġi u mhux sanzjoni amministrattiva. Qal li sabiex ikun qiegħed jimplimenta d-deċiżjoni tat-Tribunal, il-Kummissarju għandu jieħu l-passi meħtieġa sabiex l-uffiċjali tal-appellanta jiġu prosegwiti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u mogħtija l-pieni stabbiliti fit-Tieni Skeda kif abbinata mar-Raba' Skeda.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-

deċiżjoni appellata u tas-sottomissjonijiet tal-appellat Sammut u tal-Kummissarju appellat. L-appellant in suċċint qiegħda tgħid li t-Tribunal kien żbaljat fid-deċiżjoni tiegħu għaliex il-Kummissarju jista', skont l-artikolu 40(i) tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħti piena li ma tkunx multa jew priġunerija, iżda għandu wkoll l-poter li jwissi jew jammonixxi lill-kontrollur. L-appellanta qalet ukoll li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonsidra dak li jgħid l-artikolu 47 tal-Kap. 440, u sostna li l-Att jagħmel distinzjoni bejn piena imposta mill-Qorti wara li tiġi misjuba ħtija ta' reat kriminali, liema pieni jaqgħu taħt it-Tieni u r-Raba' Skeda tal-Att, u pieni amministrattivi imposti mill-Kummissarju, liema pieni jaqgħu taħt it-Tielet u l-Ħames Skeda tal-Att.

13. Fil-każ odjern huwa paċifiku li l-appellanta nstabet li pproċessat *data* sensittiva dwar l-appellat, li permezz tagħha ġiet żvelata l-identità tal-appellat mal-*union* li tirrappreżenta lill-ħaddiema tal-banek. Diġà ġie stabbilit li s-soċjetà appellanta nstabet li kisret l-artikolu 12 tal-Kap. 440, li jistipula li ħlief fiċ-ċirkostanzi li jikkontempla l-istess artikolu tal-liġi, ħadd ma għandu jipproċessa *data* sensittiva personali ta' individwu. It-Tribunal, fid-deċiżjoni tiegħu, ikkonsidra li huwa ma jistax jimponi xi forma ta' sanzjoni, iżda huwa jista' biss jilqa' l-appell jew jiċħdu, u jekk l-appell jiġi milqugħ, l-atti għandhom jiġu rinvijati lura lill-Kummissarju sabiex ikun il-Kummissarju li jistabbilixxi l-piena skont il-liġi. Is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li t-Tribunal żbalja meta qies li l-ammonizzjoni mhijiex piena li setgħet tingħata fil-każ odjern, ladarba ġie stabbilit li hemm ksur tal-artikolu 12 tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li l-Kummissarju seta' jinvoka l-artikolu 40(i) tal-Kap. 440 meta impona l-piena tiegħu, u m'hemm xejn fil-liġi li jgħid li l-

Kummissarju bilfors kellu jimponi multa jew sentenza ta' ħabs f'każ ta' ksur tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 40(i) tal-Kap. 440 jipprovdi kif ġej:

> "Il-Kummissarju għandu jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:
>
> (i) Li jordna l-imblukkar, il-kanċellament jew il-qirda ta' *data*, jimponi projbizzjoni temporanja jew definittiva fuq l-ipproċessar, jew iwissi jew jammonixxi lill-kontrollur."

15. L-artikolu 47 tal-Kap. 440, li t-Tribunal iddeċieda li għandu japplika fil-każ odjern, jgħid illi:

> "(1) Kull persuna li:
> ...
> (b) tipproċessa *data* personali bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 12 sa 17 ta' dan l-Att;
>
> Teħel meta tinstab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew priġunerija għal sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien."

16. Il-Qorti tqis li l-appellat għandu raġun jgħid li l-applikazzjoni tal-artikolu 47 tal-Kap. 440 hija waħda tassattiva, għaliex il-liġi tgħid bl-aktar mod ċar li kull ipproċessar ta' *data* personali sensittiva li jsir bi ksur tal-artikolu 12 tal-Kap. 440, kif jirriżulta li seħħ fil-każ odjern, għandu jiġi pproċessat skont l-artikolu 47 tal-istess Att u taħt l-ebda artikolu ieħor tal-liġi. Għaldaqstant il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li fil-każ odjern il-Kummissarju ma kellux il-libertà li jwissi jew jammonixxi lill-kontrollur, huma korretti u din il-Qorti sejra għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, għaliex dan m'għandux raġun jgħid li l-Kummisarju seta' pproċeda taħt xi artikolu ieħor tal-liġi.

17. Is-soċjetà appellanta, fit-tieni aggravju tagħha tgħid ukoll li t-Tribunal naqas milli jagħmel distinzjoni bejn pieni imposti mill-Qorti wara li tiġi stabbilit ħtija ta' reat kriminali, u pieni amministrattivi imposti mill-Kummissarju, f'liema każ il-multa li tista' tiġi imposta tvarja bejn €250 u €2,500. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tas-soċjetà appellanta. Bl-emendi leġislattivi għall-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta ppromulgati bl-Att XXV tal-2012, il-leġislatur introduċa għadd ta' skedi li jistabbilixxu liema offiżi għandhom jitqiesu li jattiraw lejhom 'penali tal-Qorti' jiġifieri penali li tiġi imposta permezz ta' prosekuzzjoni fil-Qorti tal-Maġistrati, u liema offiżi għandhom jitqiesu li jattiraw lejhom 'piena amministrattiva', jiġifieri piena li tista' tiġi imposta u stabbilita mill-Kummissarju. Ir-Raba' Skeda tagħmilha ċara li għall-offiża tal-ipproċessar ta' *data* personali, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 12 sa 17 tal-Att, japplikaw il-Livell ta' Penali 3, jiġifieri fil-każ ta' prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati multa ta' mhux anqas minn €2,500, iżda mhux aktar minn €23,300, u/jew priġunerija għal perijodu ta' bejn tlieta u sitt xhur ħabs, u fil-każ ta' proċeduri quddiem il-Kummissarju mingħajr smigħ fil-Qorti, tapplika piena ta' mhux anqas minn €2,500 iżda mhux aktar minn €23,300 u piena ta' kuljum ta' mhux anqas minn €250, iżda mhux aktar minn €2,500. Fil-każ odjern it-Tribunal iddeċieda li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem il-Kummissarju sabiex dan jagħraf jimponi penali skont il-liġi. Għaldaqstant dan it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud ukoll.

__Decide__

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-**

**intier tagħha, u b'hekk tordna li l-atti jerġgħu jintbagħtu lura quddiem il-Kummissarju sabiex dan jimponi penali skont il-liġi.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**